**Mons Salv Debrincat**

Mons Salv Debrincat studja fis-Seminarju tal-Qalb ta' Gesu , r-Rabat Ghawdex. Hu gie ordnat sacerdot fl-1962. Wara mar Ruma fejn kompla l-istudji tieghu fl-Universita Potificja tas-Salezjani , dik ta' San Tumas , u l-Universita Pontificja tal-Lateran fejn akkwista l-bacellerat fid-Divinita, Licenzjat fit-teologija pastorali u Masters fil-Psikologija Pastorali. Hu kiseb ukoll i-dottorat fit-teologija pastorali bl-ghola unuri.

Monsinjur Debrincat inhatar bhalha it-tieni kappillan tal-parrocca tal-Munxar fl-1965. Tul il-parokkat twil tieghu ta' 31 sena nistghu nghidu li halla mpatt qawwi ferm fuq ir-rahal taghna. Zgur li ser jibqa' msemmi ghall-bini ta' dan ic-centru parrokkjali, u t-twaqqif ta' diversi gruppi kemm religjuzi kif ukoll socjali jew sportivi. Fost dawn insemmu l-kumitat tal-promozzjoni umana, kunsill parrokkjali, kunsill tal-liturgija, kumitati taz-zghazagh u tal-adoloxxenti, l-grupp tal-palk u dak tal-futbol. Izda l-aktar impatt qawwi li zgur halla Mons Debrincat kien dak fuq il-mentalita tan-nies. Hu ghen biex qered ghal kollox kull pika li kienet tezisti mal-parrocca matrici ta' Sannat tant li hafna kwazi lanqas jemmnuk jekk issemmi li xi darba kienet tezisti xi rivalita.

Minhabba din il-kwalita specjali tieghu mhux l-ewwel darba li gie mqabbad minn parrocci ohra biex jidhol bhala medjatur u zgur li fejn kien hemm rieda tajba b'dik l-imbuttatura tieghu l-problemi nhallu u tbiddlu f'koperazzjoni.

Mons Debrincat dejjem insista fuq l-edukazzjoni u kien jifrah u jinkoraggixxi dawk li jithajru ghal edukazzjoni terzjarja. Hu nnifsu huwa edukatur u jaghllem kemm fis-seminarju minuri kif ukoll fis-seminarju magguri. Kemm dam kappillan hu lahqu wkoll 3 qassisin mill-parrocca u 2 sorijiet li hu numru sabih meta wiehed iqis li l-parrocca kienet ferm izghar milli hi llum.

Mons Debrincat inhatar bhala kancellier fl-1996.

*Alvin Scicluna* *12 ta' Dicembru 2007.*
*Munxar*